KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 46_20-05-09** V

## MINUTI TAS-SITTA U ERBGĦIN SEDUTA

**Is-sitta u erbgħin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa, 20 ta' Mejju, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Skużati:** | **Albert Bonello Dupuis**<br>**Margaret A. Azzopardi** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fil-17:40 b'din l-agenda:

1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti 44_22/04/09 and 45Adhoc_6/05/09
2. Materji konnessi mal-minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv
4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. Aġġudikazzjoni tat-*tender – EU Funding Services*
7. Affarijiet Oħra

### 1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti 44_22/04/09 and 45Ad hoc_6/05/09.

Il-kunsillier J. Galea ippropona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 44_22/04/09, is-sindku M. Arrigo issekondat. Il-kunsilliera M. Aquilina, M. Briguglio u M. Debono approvaw il-minuti b'mod unanimu fost il-kunsilliera preżenti.
Is-sindku M. Arrigo ippreponiet li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 45Ad hoc_6/05/09, il-kunsillier J. Galea issekonda. Il-kunsilliera M. Aquilina, M. Briguglio ivvotaw favur filwaqt li l-kunsillier M. Debono astjena minħabba li ma kienx preżenti. Il-minuti ġew approvati b'erba voti favur u waħda astensjoni.

Daħal il-kunsillier L.Vella fis-seduta fil-5.45pm.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

2.1 Is-sindku M. Arrigo irreferiet għas-seduta 44_22/04/09 punt 3.1 fejn il-kunsill kien qabel li għandu jagħżel lil Robert Arrigo & Sons bħala *tour guides* mad-delegazzjoni ta' Les Sables d'Olonne. Is-Sindku M. Arrigo infurmat lill-kunsilliera preżenti li dan is-servizz ingħata lill-kunsill b'mod kumplementari. Fuq dan il-punt is-segretarju eżekuttiv informa li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab li kull sena l-kunsill ikun irid jagħti r-rendikont tiegħu ta' x'intefaq kull sena rigward ġemmellaġġi.

2.2 Il-kunsillier J. Galea irrefera għal punt 4.3 tas-seduta 44_22/04/09 fejn staqsa dwar il-proċess tal-proġett fis-*Sliema Playing Fields*. Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta l-pjanta li għamel il-perit tal-kunsill lill-kunsilliera preżenti filwaqt li informa li hu diġa ssottometta l-applikazzjoni lid-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex jinbeda l-proċess għad-devoluzzjoni.

2.3 Il-kunsillier J. Galea staqsa dwar il-laqgħa li kellha ssir mas-Sur Morana. Il-kunsill qabel li għandha ssir wara l-elezzjoni tal-kunsilli lokali.

2.4 Il-kunsillier J. Galea staqsa dwar is-*security cameras* fl-uffiċċju tal-kunsill. Skont l-aħħar seduta l-kunsill kien iddeċieda li jġib aktar stimi. Il-kunsill qabel li għandu jagħżel lil *Alarmtech*.

Ma kien ebda materji dwar is-seduta 45Ad hoc_6/05/09.

*Is-sindku talbet li niddiskutu item 5 ta' l-agenda.*

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Kien hemm korrezzjoni li l-ammont ta' ċekk numru 10254 irid jinqara Euro 94 mhux Euro 84.

5.2 Il-kunsillier M. Briguglio stawsa dwar il-ħlas tas-Sur Edward Cuschieri. Is-segretarju eżekuttiv informa li s-sur Curshieri waqaf jaħdem minn mindu tefa n-nomina għal kandidat għall-elezzjoni tal-kunsill lokali. Is-segretarju eżekuttiv informa wkoll li bir-riforma l-ġdida tal-kunsill lokali ma nistgħux nibqgħu ninpjegaw servizzi klerikali permezz ta' kuntratti.

5.3 Il-kunsillier M. Briguglio irrefera għall-pagament tal-WI-FI fil-Ġnien Indipendenza. Is-segretarju eżekuttiv informa li l-linja se tiġi mqabbda nhar it-Tnejn u għandu jiċċekkja meta se ssir l-installazzjoni kompluta. Fil-każ li jkun possibbli l-kunsilliera preżenti qablu li l-kunsill jorganizza konferenza stampa nhar it-Tnejn l-1 ta' Ġunju, 2009 fis-2pm fil-Ġnien Indipendenza biex nagħmlu *launching* ta' din is-sistema. Il-kunsill għandu jibgħat ukoll *coverage* dwar dan, lil media.

5.4 Il-kunsiller L. Vella ppropona l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 10240 sa 10330. Il-kunsillier M. Briguglio ssekonda, filwaqt li l-kunsilliera preżenti, is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Aquilina, M. Debono u J. Galea approvaw il-pagamenti emendati b'mod unanimu.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Il-kunsillier M. Briguglio ressaq korrispondenza mir-residenti ta' Triq il-Kulleġġ l-Antik dwar talba għal *sleeping policeman* mal-kantuniera ta' fejn hemm il-kappella ta' San Injazju. Il-kunsill qal li l-kunsill kien diġa talab lill-Awtorita Dwar it-Trasport dwar dan. Il-kunsill qabel li għandu jirrispondi lir-residenti bir-risposta.

3.2 Talba mis-soċjeta mużikali tal-Balluta għall-għajnuna finanzjara għall-attivita' mużikali. Il-kunsill qabel li jagħti l-istess ammont ta' Euro 1165 bħal kull sena u bħal baned l-oħra bl-istess kundizzjonijiet.

3.3 Is-segretarju eżekuttiv informa dwar korrispondenza mil-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma rigward Triq Sant' Enriku. Il-kunsill ġie infurmat li waqt laqgħa li kellhom mal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma flimkien mal-kuntratturi konċernati kien ġie deċiż li t-triq imsemmija għandha ssir. Madankollu erba siegħat wara l-laqgħa l-kunsill irċieva korrispondenza li din it-triq ma tistax issir għaliex il-kuntrattur tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma irid jagħmel il-konnessjonijiet ta' l-ilma biss u ma jridx jikkordina mal-kuntratturi l-oħra li jikkonċernaw servizzi oħra. Il-kunsill ma qabilx li t-triq għandha tinqala għas-servizzi ta' l-ilma filwaqt li terġa tingħalaq u jkollha terġa tinqala għas-servizzi l-oħra. Il-kunsill qabel li dan il-proġett jiġi pospost għax-xahar ta' Ottubru, 2009 minħabba li issa ġejja l-festa tal-Balluta u matul is-Sajf ma nkunux nistgħu nagħmlu x-xogħlijiet fit-toroq minħabba l-liġi tat-Turiżmu.

3.4 Korrispondenza mil-Kopin fejn qegħdin jitolbu għall-kollaborazzjoni tal-kunsill sabiex jissieħbu u jitħejjew xi attivitajiet bħala applikazzjoni lil Unjoni Ewropeja. Se jipparteċipaw diversi postijiet oħra minn Ċipru, Greċja eċċ. Il-kunsill qabel li għandu jipparteċipa u jgħin fejn jista bħal jagħti permessi fil-lokalitajiet eċċ. Il-kunsill mhuwiex obligat li jagħti għajnuna finanzjarja.

3.5 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti bil-memo 27/2009 rigward il-ħinijiet tal-laqgħat tal-kunsill biex jibdew fil-5.30pm b'effett immeddjat.

3.6 Korrispondenza mis-Sur Adrian Gatt dwar *Sliema Residents Association*. Is-Sur Gatt kien talab sabiex jiġi avviż fil-magazine tal-kunsill. Talab ukoll sabiex jibdew jiltaqgħu fl-uffiċċju tal-kunsill kif ukoll jużaw l-indirizz postali tal-kunsill lokali b'mod temporanju. Il-kunsill ma qabilx ma' dan u fir-rigward li jużaw l-indirizz postali l-kunsill issuġġerrixxa li għandu jkun hemm PO Box. Sadanitant is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera preżenti M. Aquilina, M. Briguglio, M. Debono, J. Galea u L.Vella unanimament qablu, li qabel xejn iridu jkunu reġistrati bħala NGO biex il-kunsill ikun jista jiddiskuti t-talbiet tagħhom.

3.7 Talba mil-kappillan tal-patrijiet Dumnikani ta' G'Mangia għal bankijiet li kienu inqalgħu mil-promenade sabiex jitpoġġew fil-ġnien tagħhom. Il-kunsill għandu jinfurmhom biex jistaqsu lil garaxx tal-Gvern.

3.8 Il-kunsill ġie infurmat li se jibdew jitwaħħlu l-*ismart meter* ġodda tad-dawl u ilma fir-residenzi kollha u se jibdew mil-uffiċċju tal-kunsill.

3.9 Is-segretarju eżekuttiv informa bix-xogħlijiet li qegħdin isiru preżentament mil-kuntrattur Tony Aquilina dwar: Triq Imrabat biex tissolva l-problema ta' l-ilma, dwar il-culverts li se jitnaddfu fi Triq Rudolfu (bejn il-knisja ta' l-Ingliżi u Triq Imrabat) u x-xogħol fix-Xatt min-naħa tal-Forestals minħabba li kien qiegħed jakkumula l-ilma. Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Briguglio fakkar li hemm bżonn tittranġa *c-centre strip* tax-Xatt. Il-kunsillier M. Briguglio qal ukoll li fi Triq Sant'Injazju għadu qiegħed jakkumula l-ilma tax-xita. Se jkun hemm ukoll iktar

xogħol ta' patching bil-*hot asphalt.*

3.10 Korrispondenza minn *Food First Malta* sabiex jorgannizzaw summer club permezz ta' klassijiet ta' diversi suġġetti għal tfal bi prezz ta' Euro 90. Il-kunsill qabel li għandu jistedinnhom biex jaraw l-uffiċċji tal-kunsill lokali ħalli jaraw hux possibbli li jsir dan fl-uffiċċji tagħna. Fil-każ li dan ikun possibbli l-kunsill lest li jgħin billi jagħmel l-avviżi fil-website u fin-notice boards u jekk ikollna rispons il-kunsill eventwalment jiffinanzja Euro 45 għal kull tifel/tifla.

3.11 Talba mill-Kulleġġ Santa Klara għall-għajnuna finanzjaraja sabiex ikunu jistgħu jippubblikaw magazin ta' l-iskola. Il-kunsill qabel li jagħti s-somma ta' Euro 100 u jiġi msemmi l-kunsill lokali.

*Il-kunsillier J. Galea ġie skużat mis-seduta fis-6.30pm*

3.12 Talba mil-Banda ta' Stella Maris sabiex isir BBQ fit-28 ta' Ġunju. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan diment li jinżamm il-post nadif.

3.13 Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba tas-Sur Fava sabiex tittella' attivita' ta' wirja ta' vetturi antiki fix-Xatt ta' Tigne quddiem il-knisja tan-Nazzarenu.

3.14 Talba mil-Lukanda Palace bies isir embelliment fi Triq Dingli ma' Triq il-Kbira, jipprovdu xi *litter bins* matul il-*promenade* u li jipprovdu madwar għaxar siġriet f'Tigne. Il-kunsill jixtieq ikollu aktar informazzjoni x'se jsir eżatt u x'inhu l-iskop qabel ma jkun jista jiddeċiedi.

*Il-kunsillier J. Galea daħal lura fis-seduta fis-6.35pm*

*Il-kunsllier N. Dimech daħal fis-seduta fis-6.35pm*

3.15 Talba mis-soċjeta filarmonika Sliema għall-għajnuna finanzjara għall-attivita' mużikali. Il-kunsill qabel li jagħti l-istess ammont ta' Euro 1165 bħal kull sena u bħal baned l-oħra bl-istess kundizzjonijiet.

3.16 Talba mil-Għaqda San Girgor għal Lejla Maltija fil-31 ta' Awissu u 1 u 2 ta' Settembru, 2009 fil-Ġnien Indipendenza. Il-kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din l-attivita b'dawn il-kundizzjonijiet.

- Li jħallu l-post nadif kuljum
- Ma ssirx ħsara fil-Ġnien
- Ma jitilgħux fuq il-bejt tal-kamra tal-Ġnien
- Il-mużika ma tinżammx għolja u mhux iktar mil-Ħdax ta' filgħaxija
- Jekk waħda minn dawn id-dati taħbat f'xi festa oħra tas-Sliema trid tinbiddel id-data.
- Ma jinxterdux posters għal dawn l-attivitajiet fit-toroq
- F'każ li ma tinżammx waħda jew iktar minn dawn il-kundizzjonijiet awtomatikament jiġu kkanċellati d-dati l-oħra.

3.17 Talba minn Dr West dwar il-berġa sabiex ikollhom sigurta wara l-għaxar snin li jagħlaq il-kuntratt. Il-kunsill qabel li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt propost għandu jinżamm kif inhu sabiex ma' norbtux leġislaturi tal-kunsill oħra.

*Ħareġ il-kunsillier N. Dimech mis-seduta fis-6.40pm*

3.18 Korrispondenza mil-Awtorita Dwar it-Trasport dwar proposta għal tibdil ta' naħa tal-parkeġġ fi Triq San Vinċenz.

*Daħal lura l-kunsillier N. Dimech fis-6.44pm*

Il-kunsill qal li hu ma kien irċieva xejn dwar din it-talba. Il-kunsilliera preżenti qablu li jekk il-kunsill jiġi avviċinat direttament mir-residenti, isejjaħ konsultazzjoni mar-residenti ta' Triq San Vinċenz stess u naraw il-maġġoranza xi tkun trid.

3.19 Il-kunsilliera M. Aquilina ressqet it-talba tal-ħaddiem tal-kunsill is-Sur Debono li jibqa jaħdem mal-kunsill anke wara li jagħlaq il-61 sena. Il-kunsilliera preżenti qablu li għandhom jirrakomondaw lil dan il-ħaddiem tax-xogħol siewi li għamel matul dawn is-snin kif ukoll ta' l-esperjenza, filwaqt li ma jieħdux deċiżjoni minħabba li għad jonqos għal Frar li ġej u dan il-kunsill m'għandux jieħu din id-deċiżjoni minħabba li ż-żmien ta' din il-leġislattura se jintemm dalwaqt.

3.20 Talba mil-Għaqda San Girgor sabiex l-arbli tal-festa, li hemm madwar 25, ma jibqgħux ma' ġenb tal-kurduna fit-triq iżda jsiru fis-soft areas jew fuq il-promenade. Il-kunsill għandu jinfurmhom li l-policy tal-Gvern li dawn għandhom jinżammu fit-tarmac.

3.21 Is-segretarju eżekuttiv ressaq korrispondenza biex il-kunsill jissottomenti l-veduti tiegħu dwar PA 1621/09. Il-kunsill qabel li għandha tiġi involuta l-Awtorita' Dwar it-Trasport fuq din l-applikazzjoni.

3.22 Korrispondenza mil-*Malta Karting Club* sabiex isiru tlielaq tal-karts f'xi toroq ta' Tas-Sliema. Il-kunsill għandu jsaqsihom biex jaraw liema area jaħsbu li hija addata għalihom kif ukoll jinfurmawnma x'tip huma dawn il-karts.

3.23 Korrispondenza mis-Sur Lautier għan-nom tal-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward riklamar fuq għamara tat-toroq li kienu tneħħew minħabba x-xogħlijiet li saru minn naħa tal-Ministeru. Is-Sur Lautier kiteb lil kunsill biex għalissa ma jitwaħħlux ħalli l-Ministeru jara x'tip ta' *street furniture* jista jitwaħħal. Is-sindku M. Arrigo, il-kunsiliera M. Briguglio, N. Dimech, M. Debono, J. Galea u L. Vella qablu li l-kunsill għandu jippermetti li dawn ir-riklami jerġgħu jitwaħħlu mil-kuntrattur skont il-*bye laws* dwar l-istreet furniture. Fuq dan il-punt il-kunsill talab sabiex niġbdulhom l-attenzjoni dwar il-*billboard* li twaħħal ix-Xatt fejn na ntalabx permess mil-kunsill lokali. Is-sindku M. Arrigo għaddiet rimarka li din mhux l-ewwel darba li dan l-istess Ministeru jagħmel l-affarijiet mingħajr ma javża lill-kunsill, saħansittra jinqalgħu toroq imbagħad insiru nafur permezz ta' l-ilmenti li nirċievu mir-residenti.

3.24 Dwar il-poles imsaddin li qegħdin fil-Ġnien Indipendenza il-kunsill qabel li għandhom jitneħħew.

3.25 Is-segretarju eżekuttiv informa li l-kunsilliera ġew mitluba mil-kumitat konġunt biex jagħtu l-kummenti dwar ir-riforma tal-LES. Is-sindku M. Arrigo, il-kunsiliera M. Briguglio, N. Dimech, M. Debono, J. Galea u L. Vella unanimament qablu li l-kunsill m'għandu jibgħat l-ebda kumment għaliex meta ġew mitluba biex jagħtu l-kummenti għar-riforma tal-kunsilli lokali kien kollu ta' xejn, għaliex ir-riforma mhiex addatata għall-ħtiġiet tal-kunsill ta' tas-Sliema, b'hekk il-kunsill iħoss li għalxejn jiġi kkonsultat.

3.26 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li l-ittra ntbagħtet lill-Onoroveli C. Said dwar min se jieħu r-responsabilta' u min se jipproteġi lir-residenti għall-armar ta'

*hoarding, tower cranes* u *scaffolding* dan wara li inħareġ l-avviż legali li l-kunsill ma jistax jiġbor ħlas għal dan. Is-sindku M. Arrigo, il-kunsiliera M. Briguglio, N. Dimech, M. Debono, J. Galea u L. Vella reġgħu qablu li permessi għal *tower cranes* ma jingħatawx filwaqt li l-kunsill ma jkunx responsabbli minn hoarding u scaffolding qabel ma tingħata kjarifika.

3.27 Il-kunsillier M. Debono ressaq talba minn stabbiliment ġewwa Sqaq Luzjo biex dan ikun jista jarma *platform* biex ikun jista jitħalla l-ispazzju neċessarju minħabba li hemm tendenza li l-imwejjed u siġġijiet jokkupa iżjed spazju milli suppost. Il-kunsill qabel li għandu joħroġ 'no objection' diment li jkollu permessi neċessarji tal-MEPA u l-MTA. Il-kunsill issuġġerixxa li dan l-individwu għandu jissottometti l-applikazzjoni xorta lid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

*Il-kunsillier N. Dimech ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-7.25pm*

3.28 Is-segretarju eżekuttiv staqsa lill-kunsilliera preżenti x'deċiżjonijiet se jieħu l-kunsill dwar attivitajiet jew korrispondenza oħra li se jirċievi matul ix-xahar li ġej minħabba l-elezzjoni. Perezz li din il-leġislattura għandha d-dritt tmexxi l-kunsill sa' l-aħħar ta' Ġunju, 2009, il-kunsill qabel li għandu jsejjaħ laqgħa oħra nhar l-Erbgħa 17 ta' Ġunju, 2009, filwaqt li tissejjaħ laqgħa oħra fl-24 ta' Ġunju, 2009 biex jiġu approvati l-minuti biss.

**4. Mistoqsijiet mil-kunsilliera**

4.1 Il-kunsillier L. Vella tkellem dwar il-biċċa t'isfel ta' Triq San Piju. Il-kunsill ġie infurmat li dik diġa għamel parti minnha l-ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u Triq San Piju se tinqassam f'fażijiet.

4.2 Il-kunsillier L. Vella qal li hemm bieb fil-ġenb ta' Sqaq Sajjan fejn tnizżel ħafna kliem mhux xieraq. Il-kunsill għandu jibgħat il-ħaddiema sabiex jiġi miżbugħ.

4.3 Il-kunsillier L. Vella qal li l-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart mhux qiegħed iżomm mal-ħinijiet stabilliti fil-kuntratt. Il-kunsill qabel li għandu jkompli joħroġ *default notices* bil-miktub.

4.4 Il-kunsillier J. Galea informa li kellu talba biex jitneħħew il-bankijiet mill-promenade ta' Triq it-Torri (bejn Triq San Franġisk u Triq il-Kulleġġ l-Antik), għaliex mhumiex qegħdin jintużaw. Il-kunsill qabel li għandha ssir talba bil-miktub b'mod uffiċċjali.

4.5 Il-kunsillier J. Galea qal li hemm bżonn li l-website tal-kunsill tinbiddel. Il-kunsillier L. Vella issuġġerrixxa li jitħallew ftit xhur u tinħareġ sejħa għal tender.

**6. Aġġudikazzjoni tat-tender – *EU Funding Services***

Dan is-suġġett ġie pospost għal seduta oħra.

**7. Affarijiet Oħra**

Ma kien hemm ebda affarijiet oħra.

Is-seduta ntemmet fis-7.55pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Ġunju, 2009 fil-5.30pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**